2025/1497

21.7.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1497

tat-18 ta' Lulju 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Settembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 ([1]).

(2) Fit-13 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2208 ([2]), li stabbiliet qafas ġdid li jipprevedi l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi addizzjonali kontra individwi u entitajiet li jkunu responsabbli għal, jew kompliċi fi, jew li kienu involuti, direttament jew indirettament, f'azzjonijiet jew politiki li jheddu l-paċi, is-sigurtà, jew l-istabbiltà tal-Mali, jew li jxekklu jew jimminaw it-tlestija b'suċċess tat-tranżizzjoni politika tal-Mali,.

(3) Abbażi ta' rieżami tal-miżuri restrittivi, kif previsti fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775, jenħtieġ li l-entrata għal persuna waħda inkluża fil-listi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fit-taqsimiet A u B tal-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 titħassar.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1775 tat-28 ta' Settembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali (ĠU L 251, 29.9.2017, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1775/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2208 tat-13 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Mali (ĠU L 446, 14.12.2021, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/2208/oj).

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1775 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Taqsima A ("Lista ta' persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 1(1)"), titħassar l-entrata għall-persuna li ġejja:

"3. MAÏGA, Choguel";

(2) fit-Taqsima B ("Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)") titħassar l-entrata għall-persuna li ġejja:

"3. MAÏGA, Choguel".